MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2011

Avviz Numru. 147/2011

**Peak Insurance Brokers Limited (C 11185)**

**Vs**

**1. Saviour sive Silvio Vella (ID 806059M)**
**2. MiddleSea Insurance p.l.c. (C553)**
**3. Godwin Caruana (ID 248958M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami, debitament guramentat minn Leslie Borg (ID 285667M) u li bih is-socjeta' rikorrenti, wara li esponiet bir-rispett:

1. Illi nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) gie intavolat avviz quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs MiddleSea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkollu*;

2. Illi permezz tal-avviz in kwistjoni, ir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella talab li l-intimati f'dik il-kawza, MiddleSea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana, jigu kkundannati jhallsuh kull somma ta' danni li setghu jigu likwidati rapprezentanti danni konsistenti kemm f'danni materjali u kif ukoll f'telf ta' introjtu, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) sad-data tal-pagament effettiv;
3. Illi di piu' saret dikjarazzjoni fl-istess avviz ghall-finijiet ta' kompetenza, permezz ta' liema gie dikjarat mir-ritrattat Savour sive Silvio Vella illi s-somma ta' danni pretiza minnu ma teccedix il-valur ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmi tal-ewro (€11,646.87);
4. Illi fis-seduta ta' nhar id-disgha (9) ta' Dicembru 2009 ir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' rikorrenti ritrattandi, liema talba giet milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;
5. Illi sussegwentement is-socjeta' rikorrenti ritrattandi giet notifikata nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), izda naqset milli tirrispondi entro t-terminu stipulat mill-ligi, u konsegwentemnt gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess socjeta' rikorrenti ritrattandi fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010);
6. Illi fis-seduta ta' nhar is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) ir-ritrattat Savour sive Silvio Vella ipprezenta nota permezz ta' liema rriduca l-ammont dovut ghal ghaxart elef seba' mija u wiehed u tletin ewro u tmien centezmi tal-ewro (€10,731.08) u kif ukoll nota li permezz taghha ceda l-atti fil-konfront ta' Godwin Caruana u MiddleSea Insurance p.l.c.
7. Illi per konsegwenza, din l-Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex tippronunzja sentenza esklussivament fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti ritrattandi (vide l-anness Dok 'A'), permezz ta' liema din giet ikkundannata thallas is-somma ta' €10,731.08;
8. Illi nhar il-hmistax (15) ta' April 2011, u cioe' wara li skada t-terminu li fih seta' jigi interpost appell mis-sentenza surriferita, is-socjeta' rikorrenti ritrattandi rceviet ittra legali datata erbatax (14) ta' April tas-sena 2011 mibghuta mir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella permezz ta'

liema giet interpellata thallas is-somma ta’ tlettax-il elf mija u disgha u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu tal-ewro (€13,169.32) (vide l-anness Dok B);

9. Illi sussegwentement is-socjeta’ rikorrenti ritrattandi kkomunikat mas-socjeta’ Middle Sea Insurance plc sabiex tindaga dwar it-transazzjoni li saret bejnha, bejn Godwin Caruana u bejn ir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella, u dan minhabba illi skond il-prassi kummercjali vigenti bejn l-operaturi fil-qasam tal-assikurazzjoni l-assikuratur dejjem jaghmel il-komunikazzjonijiet tieghu tramite l-*broker* meta jkun hemm wiehed involut;

10. Illi f’dan l-istadju is-socjeta’ rikorrenti ritrattandi giet moghtija kopja ta’ dikjarazzjoni datata wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar 2011 maghmula minn Dr Michael Zammit Maempel ghan-nom tal-attur ritrattat Saviour sive Silvio Vella (vide d-dokument anness mar-rikors u mmarkat Dok C) permezz ta’ liema gie dikjarat li l-istess ritrattat ircieva s-somma ta’ elfejn tmien mija u tlieta u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu tal-ewro (€2,883.55) a pjenu saldu ta’ kull pretensjoni li kellu fil-konfront ta’ Middlesea Insurance p.l.c. u kif ukoll ta’ Godwin Caruana;

11. Illi fl-umli opinjoni tas-socjeta’ rikorrenti ritrattandi, tali dikjarazzjoni tikkostitwixxi dokument deciziv, liema dokument ma kienitx taf bih u bil-mezzi li taghtiha l-ligi ma setghetx iggibu qabel ma inghatat is-sentenza;

12. Illi fl-umli opinjoni tas-socjeta’ rikorrenti ritrattandi, meta saret in-nota ta’ riduzzjoni, din saret b’qerq, stante li gie ridott biss l-ammont ta’ disa’ mija u hmistax-il ewro u disgha u sebghin centezmu tal-ewro (€915.79), meta fil-fatt ir-ritrattat Savour sive Silvio Vella kien ircieva l-ammont totali ta’ €2,883.55;

13. Illi di pu’, is-socjeta’ rikorrenti ritrattandi hija ukoll tal-fehma umli li s-sentenza, ghar-ragunijiet suesposti, kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza;

14. Illi fl-umli opinjoni tas-socjeta’ rikorrenti ritrattandi, il-fatti fuq esposti jaghtu lok, ai termini tal-Artikolu 811(a), (k) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta, ghal talba ta’ ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs Middle Sea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista’ jkolu u b’digriet tad-9 ta’ Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta’ Peak Insurance*

*Brokers Limited* (Avviz numru 422/2009 JAB) deciza fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr J Apap Bologna;
15. Illi s-socjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;
16. Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta tas-16 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs Middle Sea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkolu u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta' Peak Insurance Brokers Limtied* ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bil-hsara ta' l-ohra ai termini tal-Artikolu 811(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiddikjara illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs Middle Sea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited* instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kienitx taf bih u bil-mezzi li taghtiha l-ligi ma setghatx iggibu qabel inghatat l-istess sentenza, ai termini tal-Artikolu 811(k) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs Middle Sea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited* kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza ai termini tal-Artikolu 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Tordna r-revoka u t-thassir tas-sentenza fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs Middle Sea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited* (Avviz numru 422/2009 JAB) deciza fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Onorabbli Qorti tal-

Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr J Apap Bologna;
5. Tordna illi l-kawza fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs Middle Sea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited* (Avviz numru 422/2009JAB) deciza fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr J Apap Bologna tigi ritrattata fl-intier taghha u fir-rigward tal-kapijiet kollha tal-istess sentenza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-kawza fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs Middle Sea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited* (Avviz nrumu 422/2009 JAB) deciza fis-16 ta' Marzu 2011 kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Peak Insurance Brokers Limited (C 11185).

1. Illi nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) gie intavolat avviz quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs MiddleSea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkollu*;
2. Illi permezz tal-avviz in kwistjoni, ir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella talab li l-intimati f'dik il-kawza, MiddleSea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana, jigu kkundannati jhallsuh kull somma ta' danni li setghu jigu likwidati rapprezentanti danni konsistenti kemm f'danni materjali u kif ukoll f'telf ta' introjtu, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) sad-data tal-pagament effettiv;
3.Illi di piu' saret dikjarazzjoni fl-istess avviz ghall-finijiet ta' kompetenza, permezz ta' liema gie dikjarat mir-ritrattat Savour sive Silvio Vella illi s-somma ta' danni pretiza minnu ma teccedix il-valur ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmi tal-ewro (€11,646.87);

4. Illi fis-seduta ta’ nhar id-disgha (9) ta’ Dicembru 2009 ir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta’ rikorrenti ritrattandi, liema talba giet milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;
5. Illi sussegwentement is-socjeta’ rikorrenti ritrattandi giet notifikata nhar it-tlettax (13) ta’ Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), izda naqset milli tirrispondi entro t-terminu stipulat mill-ligi, u konsegwentemnt gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-istess socjeta’ rikorrenti ritrattandi fis-seduta tat-tlieta (3) ta’ Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010);
6. Illi fis-seduta ta’ nhar is-sittax (16) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) ir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella ipprezenta nota permezz ta’ liema rriduca l-ammont dovut ghal ghaxart elef seba’ mija u wiehed u tletin ewro u tmien centezmi tal-ewro (€10,731.08) u kif ukoll nota li permezz taghha ceda l-atti fil-konfront ta’ Godwin Caruana u MiddleSea Insurance p.l.c.
7. Illi per konsegwenza, din l-Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex tippronunzja sentenza esklussivament fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti ritrattandi (vide l-anness Dok ‘A’), permezz ta’ liema din giet ikkundannata thallas is-somma ta’ €10,731.08;
8. Illi nhar il-hmistax (15) ta’ April 2011, u cioe’ wara li skada t-terminu li fih seta’ jigi interpost appell mis-sentenza surriferita, is-socjeta’ rikorrenti ritrattandi rceviet ittra legali datata erbatax (14) ta’ April tas-sena 2011 mibghuta mir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella permezz ta’ liema giet interpellata thallas is-somma ta’ tlettax-il elf mija u disgha u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu tal-ewro (€13,169.32) (vide l-anness Dok B);
9. Illi sussegwentement is-socjeta’ rikorrenti ritrattandi kkomunikat mas-socjeta’ Middle Sea Insurance plc sabiex tindaga dwar it-transazzjoni li saret bejnha, bejn Godwin Caruana u bejn ir-ritrattat Saviour sive Silvio Vella, u dan minhabba illi skond il-prassi kummercjali vigenti bejn l-operaturi fil-qasam tal-assikurazzjoni l-assikuratur dejjem jaghmel il-komunikazzjonijiet tieghu tramite l-*broker* meta jkun hemm wiehed involut;
10. Illi f’dan l-istadju is-socjeta’ rikorrenti ritrattandi giet moghtija kopja ta’ dikjarazzjoni datata wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar 2011 maghmula minn Dr Michael Zammit

Maempel ghan-nom tal-attur ritrattat Saviour sive Silvio Vella (vide d-dokument anness mar-rikors u mmarkat Dok C) permezz ta' liema gie dikjarat li l-istess ritrattat ircieva s-somma ta' elfejn tmien mija u tlieta u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu tal-ewro (€2,883.55) a pjenu saldu ta' kull pretensjoni li kellu fil-konfront ta' Middlesea Insurance p.l.c. u kif ukoll ta' Godwin Caruana;

11. Illi fl-umli opinjoni tas-socjeta' rikorrenti ritrattandi, tali dikjarazzjoni tikkostitwixxi dokument deciziv, liema dokument ma kienitx taf bih u bil-mezzi li taghtiha l-ligi ma setghetx iggibu qabel ma inghatat is-sentenza;

12. Illi fl-umli opinjoni tas-socjeta' rikorrenti ritrattandi, meta saret in-nota ta' riduzzjoni, din saret b'qerq, stante li gie ridott biss l-ammont ta' disa' mija u hmistax-il ewro u disgha u sebghin centezmu tal-ewro (€915.79), meta fil-fatt ir-ritrattat Savour sive Silvio Vella kien ircieva l-ammont totali ta' €2,883.55;

13. Illi di pu', is-socjeta' rikorrenti ritrattandi hija ukoll tal-fehma umli li s-sentenza, ghar-ragunijiet suesposti, kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza;

14. Illi fl-umli opinjoni tas-socjeta' rikorrenti ritrattandi, il-fatti fuq esposti jaghtu lok, ai termini tal-Artikolu 811(a), (k) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta, ghal talba ta' ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet *Saviour sive Silvio Vella vs Middle Sea Insurance p.l.c. u Godwin Caruana ghal kull interess li jista' jkolu u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza is-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited* (Avviz numru 422/2009 JAB) deciza fis-16 ta' Marzu 2011 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr J Apap Bologna;

Rat il-lista tax-xhieda dikjarati (fol 8 ibid) kif ukoll dik tad-dokumenti esebiti (fol 9 ibid).

Rat ir-rikors u d-digriet relattiv kif ukoll id-dokumenti annessi a fol 16B sa 16G ibid.

Rat <u>ir-risposta ta' Saviour sive Silvio Vella</u> (fol 17 u 18 ibid) u li biha espona u eccepixxa bir-rispett:

1. Illi preliminarjament in-nullita' tar-'rikors guramentat' tar-rikorrenti,stante illi l-procedura uzata hija irritwali u nulla u dana peress illi l-ligi, ai termini ta' l-Art. 125(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tistabbilixxi espressament illi procedura fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghandhom jitmexxew permezz ta' rikors BISS, u mhux permezz ta' rikors guramentat (bhalma hemm stabbilit fl-Art. 125(1) li japplika ghall-Qrati Superjuri); u kwindi l-esponenti ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra r-rikorrenti;

2. Illi din il-kawza ma hija xejn hlief tentattiv fjakk ghall-ahhar da parti tas-socjeta' Peak Insurance Brokers Limited sabiex tiftah din il-kawza mill-gdid wara illi b'negligenza lampanti taghhom stess, id-dirigenti taghha naqsu milli jipprezentaw ir-risposta jew li jidhru quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif kellhom kull dritt illi jaghmlu wara illi gew regolarment u debitament notifikati bl-atti tal-kawza fl-ismijiet *'Saviour sive Silvio Vella –vs- Middle Sea Insurance plc et*' (Rik. Nru 422/2009JAB) li taghha issa qed jitolbu r-ritrattazzjoni;

3. Illi fil-meritu, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dana il-ghaliex is-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet *'Saviour sive Silvio Vella -vs- MiddleSea Insurance plc* et' (Rik. Nru 422/209 JAB) ma ttiehditx b'qerq mill-esponenti versu r-rikorrenti odjerni, jew b'xi mod iehor irregolari, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt din l-istess kawza ta' ritrattazzjoni.

4. Illi subordinatament ghat-tielet eccezzjoni, u minghajr pregudizzju ghall-istess, jigi irrilevat illi d-dokument ezebit mir-rikorrenti bhala Dok C, huwa ghal kollox irrilevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza u/jew ghal dik fl-ismijiet *'Saviour sive Silvio Vella -vs- MiddleSea Insurance plc* et' (Rik. Nru 422/2009 JAB), u bl-ebda mod ma jista' jigi kkunsidrat bhala 'dokument deciziv' u li permezz tieghu r-rikorrenti jistghu jinvokaw l-Art. 811(k) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt din il-kawza ta' ritrattazzjoni;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond kif permess mill-ligi.

Rat it-twegiba guramentata ta’ Middlesea Insurance plc C 553 u ta’ Godwin Caruana bil-karta ta’ identita numru 248958M (fol 19 u fol 20 ibid) u li biha qalu bil-qima u John Lentini jahlef:-

Illi bi twegiba ghal dan ir-rikors ta’ ritrattazzjoni huma jghidu in linea preliminari illi il-procedura kollha hija irrita u nulla, minhabba illi trattandosi ta’ rikors ta’ ritrattazzjoni, ma kellhom jinfethu atti godda b’okkju gdid, izda semai kellhom jitkomplew l-atti tal-kawza li wasslet ghas-sentenza ritrattata.

Ukoll in linea preliminari illi una volta l-kawza avviz numru 442/2009 JAB kienet lahqet giet ceduta fil-konfront taghhom it-tnejn, minhabba pagament ghas-saldu mifthiehm bonarjament mal-attur Silvio Vella, llum il-posizzjoni taghhom hija li huma kompletament estranji ghall-kawza u ghal dawn il-proceduri. Is-sentenza ritratta ma taffettwahhomx minhabba li huma kienu nhargu mill-gudizzju qabel ma din kienet inghatat.

Ghalhekk l-esponenti m’ghandhom l-ebda locus standi iudicio f‘din il-kawza u ghandhom jigu liberati mill-osservanza bl-ispejjez kontra r-ritrattandi.

Fil-meritu jigi eccepit illi ma sar l-ebda zball u l-ebda qerq u ma kien l-ebda dokument decisiv li gie skopert wara s-sentenza. Id-dokumenti ta’ riduzzjoni u cessjoni dahlu gol-process QABEL is-sentenza u mhux WARA. Is-semplici raguni il-ghala Peak Insurance Brokers ‘skopriet’ dawn id-dokumenti wara s-sentenza kien sempliciment illi din baqghet kontumaci, ma wegbitx ghal kapitolu u minhabba li injorat u zdenjat il-gudizzju, saret taf x’gara fih biss wara li dan inghalaq.

It-talbiet huma hux biss infondati fil-fatt u fid-dritt imma huma addirittura frivoli u vessatorji u ghandhom jigu michudin.

Rat il-lista ta’ xhieda annessa ma’ din it-twegiba (fol 20 ibid).

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2011 (fol 23 ibid) minnu jirrizulta illi Saviour ossija Silvio Vella irtira l-ewwel (1) paragrafu fir-risposta tieghu a fol 17 ibid u illi l-Qorti ordnat li jigu anenssi ma dawn l-atti, dawk li jirrieferu ghas-sentenza in kwistjoni (rikors numru 422/2009JAB), liema ordni giet esegwita.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi Joseph Cremona, prodott mis-socjeta' rikorrenti (fol 31 et seq ibid) jsostni illi '… ma konna nafu bl-ebda pendenzi li kienu jinvolvu lil(l)-klijent taghna Saviour Vella' u dan fil-kwalita ta' 'brokers' tas-socjeta' rikorrenti. Izda l-istess Saviour Vella kien mar ghand l-istess socjeta, dejjem bhala 'brokers' sabiex jinghata parir dwar il-habta imsemmija fl-atti. Difatti kienet nghatat id-dokumentazzjoni kollha lis-socjeta' MiddleSea' bhala s-socjeta' assikuratrici involut li maghha kien assikurati kemm il-klijent tas-socjeta rikorrenti kemm it-terz, dan tal-ahhar permezz tas-socjeta' ohra li kienet tagixxi bhala 'broker' ghalih. Wara hu kien irceva ittra minghand l-Avukat ta' Silvio Vella ghall-likwidazzjoni tad-danni u sussegwentement wara li kienet giet deciza l-kawza in esami, hu kien ircieva kopja ta' ftehim bejn is-socjeta' 'Middlesea Insurance p.l.c. u l-istess Silvio Vella. Hu kompla jghid illi kien irceva ittra 'biex inhallsu' fl-14 ta' April 2011. Dwar il-kawza in esami, hu kkonferma illi s-socjeta' rapprezentata minnu kienet giet notifikata bl-avviz cjoe rikors tal-kawza originali u li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u '… ahna ma hadna l-ebda azzjoni dwar it-tieni avviz' dan tal-ahhar spjegat fl-istess xhieda.

In kontro ezami, hu semma li dwar l-istess habta kien sar arbitragg f'forma privata stante li l-partijiet invoulti fil-habta kienu assikurati mal-istess socjeta' 'Middlesea Insurance p.l.c.'. Inoltre kien fis-16 ta' April 2011 u mhux fl-14 ta' April 2011 li hu kien ircieva l-ittra msemmija fl-esami tieghu waqt li d-'discharge form' kien waslet f'idejh fit-18

ta’ April 2011. Fl-ahhar nett, hu kien kkonferma li ‘… it-tieni avviz… kien intbaghat lilna bhala socjeta kjamata fil-kawza’ u ‘Jiena naf xi tfisser kjamata fil-kawza …’. L-istess xhud esebixxa diversi dokumenti (fol 34 sa fol 37 ibid) consistenti f’e-mails’ u kopja tal-ftehim hawn fuq imsemmi u gja esebita a fol 14 ibid liema ftehim hu filfatt ’discharge form’ ffirmata mill-Avukat Dottor Michael Zammit Maempel f’isem Silvio Vella. Fl-istess ‘e-mails’ jinghad illi s-socjeta’ rikorrenti ‘… as Mr Vella’s Brokers, were not notified by your officers of such an agreement on the date that this was signed’ cioe fil-21 ta’ Frar 2011 xhud iehor prodott mis-socjeta’ rikorrenti hu Leslie Borg (fol 38 u fol 39 ibid) il-‘managing director’ tas-socjeta’ rikorrenti u dan ikkonferma li hu stess kien ircieva l-‘ewwel avviz’ li kien ntbaghat sussegwentement lis-socjeta’ Middlesea Insurance p.l.c.’ waqt li ‘it-tieni avviz jew rikors’ kien ‘…thalla f’idejn impjegat taghna li m’ghandux jahdem maghna … pero dan kien f’idejja’. Dwar id-‘discharge note’ ‘ahna qatt ma gejna notifikati biha l-istess socjeta rikorrenti kienet tellghet bhala xhud lill-istess Silvio Vella (fol 40 ibid) spjega li l-flus li hemm specifikati fl-imsemmija ‘discharge note’ ossija €2,883.55 kienu f’idejn l-Avukat tieghu (ara fol 37 ibid) u dawn kienu thallsu mis-socjeta’ ‘Middlesea Insurance p.l.c.’ qabel ma nghatat is-sentenza in kwistjoni (ara ukoll ix-xhieda ta’ Mark Zammit (a fol 42 u fol 43 ibid kif ukoll id-dokument a fol 44 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, annessi ma dawn l-atti, jinsabu dawn tar-rikors numru 422/09 JAB u mill-istess atti jigi notat illi :-

a) Fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2009 (fol 16 ta’ dawn l-atti), Silvio Vella, l-attur fl-atti tal-imsemmi rikors kien talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta’, ‘Peak Insurance Brokers Limited, liema talba giet akkolta;
b) Kif jidher a fol 21 ibid, l-istess socjeta’ kienet giet notifikata bir-rikors promotur fit-13 ta’ Jannar 2010;
c) Pero fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2010 is-socjeta’ kjamata fil-kawza ma kienitx dehret u lanqas ma kienet presenatat xi risposta bil-miktub. Wara li giet imsejjha

skond il-ligi u ma dehritx, kien gie presentatat Kapitolu ghas-subizzjoni taghha (ara fol 23 ibid);
d) Fis-seduta sussegwenti, is-socjeta kjamata fil-kawza ma dehritx u konsegwentement saret kontumaci izda ma nghatatx is-sentenza fil-konfront taghha ghar-raguni specifikata fil-verbal a fol 24 ibid.
e) Wara li ssir referenza ghall-‘affidavit’ sottomess mill-istess Silvio Vella a fol 27 et seq ibid u ghad-dokumenti annessi fosthom id-decizjoni arbitrali a fol 47 et seq ibid, jirrisulta li ntlahqet transazjoni bejn Saviour Vella, is-socjeta’ ‘Middlesea Insurance plc u Godwin Caruana’. Difatti l-istess Saviour Vella ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tas-socjeta’ assikuratrici u Godwin Caruana waqt li zamm ferm l-atti kollha fil-konfront tas-socjeta rikorrenti. B’ nota ulterjuri (fol 54 ibid) l-istess Saviour Vella irriduca l-ammont pretiz minnu ghas-somma ta’ €10,731.08 ‘ u dana stante pagament da parti tal-konvenuti Middlesea Insurance plc u Godwin Caruana waqt il-mori tal-kawza’. Konsegwentement, kienet inghatat is-sentenza li taghha qed tintalab ir-revoka u ritrattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, riassunti l-fatti in esami kif risultanti mill-provi, ghandhom, fil-fehma ta’ din il-Qorti, jigu rilevati s-segwenti fatti:-
a) Il-procedura in esami li tinvolvi it-thassir ta’ sentenza u r-ritrattazzjoni ta’ kawza hi ‘per se’ ta’ natura straordinarja u talba bhal dik in esami tista’ biss tigi akkolta jekk jissusisti u jigi pruvat wiehed, jew aktar mill-kazijiet elenkati fl-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
b) In rigward l-artikolu citat gie ritenut mill-Qrati illi l-kazijiet hemm elenkati ghandhom jigu interpretati u applikati b’mod restrittiv.
c) Fil-kaz in desamina, il-Qorti tara li l-fatt l-aktar importanti u li ghandu jinghata hafna piz, hu in-nuqqas da parti tas-socjeta’ rikorrenti li, b’xi mod skond il-ligi, tikkontesta dak mitlub fir-rikors numru 422/09JAB. Konsegwentement, kien gustifikat li jkun presentat Kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ kjamata fil-kawza u

minhabba dak premess, hi sfat kontumacja billi ma kkontestatx it-talbiet attrici.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, il-Qorti tara illi m'hemmx il-htiega li tanalizza il-kawzali li fuqhom hu bazat ir-rikors promotur jew xi eccezzjonijet ohra ghas-semplici raguni illi, kif di gja nghad, is-socjeta rikorrenti sfat kontumaci u b'hekk ma setghetx iggib xi prova kemm orali kemm permezz ta' dokumenti waqt il-proceduri originali waqt li, pero' setghet tappella mis-sentenza in esami. Ghalhekk din il-Qorti ser tieqaf hawn in vista li kif di gja nghad, it-talbiet in esami ma jistghux jigu esaminati minn din il-Qorti u s-sentenza in esami ghandha treggi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet in esami kif dedotti mill-istess rikors. In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------